# IL HABIB

Joħroġ cull nhar ta ħamis, barra minn ħamis ix-Xirca u Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Għaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistghu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil-kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu ghall'inkas bis-sitt xhur fuk.—Min ma javżax xahar kabel taghlaklu is-sena, jirtabat ghal oħra.—Ebda chitba li tasal f 'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta taghlim, ta aħbarijet u ta moghdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb.*

Proprietarju: il *Cumitat tal Ghakda tal Apostolat tat-Talb,* li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, ghall gid tal Maltin.

Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)

Amministratur: is-Sur Dŭardu Galea(str.Cristoforu,numru 174).

Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

L' EŬŬEL SENA. IL ĦAMIS, 30 TA MEJJU, 1912. NRU. 16.

*Inbiercu b' kalbna collha il ĦABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħħom, ghax nistenneŭ minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*

† P. ARCISKOF U ISKOF.

## Il Cleru Malti.

Fl'aħħar numru tal *Habib* dehret tûiddiba lill Maltin collha fuk ctieb li sejjer joħroġ bl'Ingliż taħt l'isem ta *Fanatical sensations* li ghandu icun stampat l'Inghilterra(jeû il Germanja?) u li kieghdin imexxu li *schedi* tal associazzjoni tieghu f'xi ħûienet taghna biex jiddubbaû xi ftit imsieħbin. Chif jinghad, dan il ctieb sejjer ighid chemm jiflaħ fuk is-Sacerdoti Maltin u cull fejn hemm xi nicta sejjer jicxifha, ħalli cull-ħadd jaghraf chemm hu isûed il *Ħamfus ta nofs il Mediterran.*

Min hu l'aûtur ta dan il ctieb il carta ma tghidx; forsi ghad ighidu il ctieb: ghal min ghandu, però, rasu fuk spallejħ, ma tridx ûisk biex taghraf illi jeû hu xi Malti li xorob ghal xi snin il ħalib tal Protestanti u illum kieghed imexmex xi sold taħħom; jeû hu xi Malti rasu makluba 'mħabba il kari ta cotba li ma hux capaci jixtarr seûûa, ghaliex ma satax icollu katt ħlief taghlim fuk-fuk fejn tghallem; jeû hu xi Malti illi ghandu x'jaksam mal Kassisin u jarahom coroħ ħafna kuddiemu, ictar milli il ħabsin jaraû cherha il Pulizija. Nghidu dan ghaliex l'aûtur Ingliż ma jistax icun, la darba l'Ingliżi ma jafux il Maltin seûûa, ghax ma jinżlux jieclu maħħom fil ħûienet tal Mandraġġ u ma huma katt ta carattru hecc baxx. U inkas ebda Malti serju ma jasal katt sa haûn, ghaliex il Maltin veri, barra mil Fidi, ghandhom f'demmhom il veru patriottiżmu: cullħadd jafu tajjeb dan.

Imma ħallina minn l'Aûtur, nghidu xi ħaġa fuk it-tbajja li sejjer jicxef. Anzi inkas ma 'rridu nghidu li bosta drabi ma icunux ħlief klajja, jeû ħûejjeġ makluba, jeû imfehemin xorta oħra; irrid nissoponi illi il famus Aûtur tal *Fanatical sensations,* ûara li gira chemm felaħ u fittex chemm sata bil lanterna ta Diogene f'idu, sab xi nukkas, anche cbir, f'xi Sacerdoti maltin,ħajjin u mejjtin: x'icun nakkas b'dan collu lill Cleru taghna u lir-Religjon? Minn katt ippretenda illi il Kassisin collha chemm huma, sal inkas ûieħed, huma Anġli taħt il gisem? Irid tcun verament injurant biex jitlob dan minn bniedmin illi, bis-Sacerdozju collu, jibkghu dejjem bniedmin u kieghdin dejjem fost ħafna periculi, ûisk iżjed mis-seculari, ghaliex huma iridu iseûûu it-taghûiġ collu u inaddfu il ħmieġ collu tal aħûa taħħom. U x'in hi ûakgha ta ûieħed, jeû tnejn, jeû iżjed mil Kassisin ħada in-numru tant cbir li huma? Dan ifisser li l'oħrajn collha huma seûûa, mita ûakgha ta ûieħed taghmel tant ħoss. Ghaliex ħadd ma ighid xejn fuk il *Ministri tar-Religjonijet l'oħra*? Ghaliex fihom ma tara xejn milli tara fis-Sacerdoti taghna chif titlob ir-Religjon ta Gesù Cristu. Il *Ministri tar-Religjonijet l'oħra* ighixu bħas-seculari, bil mara, bil loghob, bix-xalar, u jerfghu huma sa 'l pala tal cricket fi Strada Rjali. Min jaf, imbaghad, jecc titfa ghajnec il geûûa x'issib ucoll f'daûn? Halli, mela, dac illi fis-Sacerdoti maltin ma jarax ħlief ħanfus, forsi ghaliex xi *Ħanfusa* ictar miżża, mimlija bil mibeghda ghall Cleru malti, kieghda iżżeffnu, ighid l'irid contra xi ûieħed fost il Cleru taghna li ġratlu xi disgrazzja (u jecc tas-seû chif ighid hu); contra il ûieħed, it-tnejn, il ħamsa u il ghaxra, jecc ghandu il ħila isibhom, aħna inkieghdulu dejjem disa' mija, ghaliex dan hu bejn ûieħed u ieħor in-numru tal Cleru malti minn bosta snin il haûn, 900 li huma collha tajjbin, zelanti u esemplari u li fukhom ħadd ma jista ighid ħlief gid. Jecc l'aûtur tal *Fanatical sensations* jaħseb illi iûakka il Fidi fil Maltin billi isib xi ghajb f'xi uħud mil Cleru taghna, juri tas-seû chemm hu kasir moħħu, jeû inchella x'jaghmel il bniedem ghall flus, meta isib-ruħu, bħal chelb fil Cnisja, imûarrab minn cullħadd. Il proverbju taljan ighid: *un fiore non forma primavera*—daks tant nistghu nghidu mil Cleru, chif ucoll mil Maltin collha, ghalchemm cull tant xi ûieħed ma jonkosx illi jiċħad il Fidi tieghu u il Patrja biex jiecol dac l'irid nhar ta gimgha u ighid dac li jakbillu fuk cullħadd. G.G.

## Il Boxxla

### Jeû il cumpass tan-nies tal baħar.

Ftit żmien ilu, cont chellimtcom fuk il Bidu ta li Stampa, illum sejjra nghidilcom xi żeŭġ chelmiet fuk invenzjoni oħra li bħall'Istampa ghamlet gid cbir fid-dinja u din hi il Boxxla jeŭ cumpass tan-naviganti (jigifieri ta abbordijet.)

. Jena naħseb li cull min tala fuk bastiment jeŭ vapur lemaħ fil poppa tieghu bħal caxxetta donnha ta arloġġ u nistħajjlu icun kal ġo fiħ in-nifsu: Dan x'ked jaghmel haŭn espost ghax-xita u ghax-xemx? Biex incunu nafu il ghaliex kieghduħ hemm jaħtigilna immorru bil ħsieb fiż-żmien tal ura, fejn insibu illi l'eŭŭel nies tal baħar li chienu jaksmu il meŭġ biex imorru minn pajjiż ghall'ieħor chienu imorru immexxijin mix-Xemx u l'Istilli u scond il posizjoni ta daŭn u il ħin li jidħru jeŭ li ighibu huma chienu icunu bejn ŭieħed u ieħor jafu hecc huma krib jeŭ boghod minn l'art; imma meta is-sħab chien ighatti ix-xemx jeŭ jidlam u il maltemp ighatti li stilli, daŭn l'imsejcnin ma chienux iżjed jafu fejn jinsabu fuk il baħar u ghalhecc iżommu chemm jistghu ma l'art. Iżda meta ŭasal iż-żmien u il ŭakt, il Providenza t'Alla gharrfet lill bniedmin illi fost il ħŭejjeġ meraviljusi li jinsabu fid-dinja tinsab certa ħaġra li ghandha il proprietà li tiġbed lejha il ħadid: li storja chif chixfuha gustuża ŭisk, ghax chif jinghad illi ŭieħed raghaj ismu Manis, lejla ŭaħda, f 'ghib ix-xemx, meta niżżel il merħla tieghu mil Monti-Ida, induna li chienet tonksu nghaġa, malajr tala ifittixha u il ponta tal ħadid li chellu fil bastun ŭeħlitlu ma din il ħaġra. Hecc dan hux minnu jeŭ lè ma nafx, imma dac li hu sgur hu illi bl'istudju sabu illi jecc tieħu bħal labra tŭila tal ħadid jeŭ tal azzar u toghrocha fuk din il ħaġra, hi ghandha tieħu il proprietà collha taħħa u issir dic li ighidulha calamita. Din il labra, imbaghd, imkieghda laxca fuk pern, ghandha iddur chemm iddur, meta tiekaf, il ponta taħħa issibha tħares dejjem lejn it-tramuntana! Ighidu il chittieba illi invenzjoni hecc sabiħa l'eŭŭel ma chixfuha chienu iċ-Cinisi: daŭn gharrfuha lill'Indiani u daŭn lill Gharab, li giebuha fl'Eŭropa. Scond it-Taljani, imbaghd, chien Taljan, ismu Flavio Gioia, li inventaha fis-

seculu 12, u minn dac iż-żmien bdeū in-naviganti collha juzaūha fuk il bastimenti taħħom, bla biża bdeū biha jintelku fuk il baħar il cbir u mhux iżjed iżommu max-xatt: marru jicxfu artijet ġodda u popli oħra, il Ministri t'Alla marru igharrfu il Fidi nisranja, il Cummerċ chiber u imbierca il Providenza t'Alla dan collu sar bil mezz ta ħaġra u ta dakxejn ta labra; tbiddel ūiċċ id-dinja u hecc Alla gie igglorificat fl'opri u fil potenza u il ħniena tieghu. A. S.

## IT-TBAHHIR.

Ħaffer zocc oħxon, bħal meccuc, silitlu
It-truf, fuk l'ilma tefghu ighum u richeb:
Ghaddas cull naħa fergha tūila u kadef
Minn xatt ghal ieħor.
Daħac kalbieni meta raġa l'ura
Mîn kasam l'eūūel l'ilmijet tax-xmajjar:
Uliedu tħajjru u fuk taghlimu ħercu
Ghal rebħiet ġodda.
Il kluħ infirxu u bħala vleġġa taru
Fuk ūiċċ il baħar dghajjes ħfief bil cotra;
Chibru genbejhom u bejn sema u ilma
Fettxeū art oħra.
Ghalxejn il plieri ta Ercoli, ja Biża,
Ūakkaft, u 'l Meūt ghassiesa taħħom kaghdet;
Ghalxejn imlejt b'gheġubijet ūaħxija
L'ibħra ta barra!
Akūa minn l'ilma li bajdani imeūūeġ,
Akūa minn l'ajru li ġo 'l kluħ ivenven
Hi kalb ta bniedem meta trid: ibaxxi
Collox kuddiemha.
Bħalma gerrejj jircheb iż-żiemel, richeb
Ix-xini tieghu il Baħħàr ta Genūa;
Chisser il meūġa bla maghrufa, daħac
Bir-riħ u ūasal.
Mîn jista' jifhem liema ferħa! X'ghajjta
Ċarrtet is-sema dic-inhar! L'Eūropa
Chienet tistenna, bla ma temmen, jarġa
Ghaliha ix-xini.
Mirbuħ il baħar, il leūn tieghu iżrak
D'her iżjed ħelu taħt ħarset it-tama
Meta mal Baħri minn kieħ l'ilma xirfet
Id-dinja il ġdida.
Ix-xefak safi b'dija ħelūa iżżejjen
Ūardet-il-leūn, meta fil ghodu żernak,
Ħammar fl' ghaxija; u ħarsu in-naħa u l'oħra
Missierijietna.
B'ghira sabiħa f'dakka ūaħda inchesa
Bi kluħ il baħar, li mad-dinja xterdu;
Chibret il ħeġġa: u sal aħħar xeūca
Tal art inchixfet.
Ħdura ta siġar li ma bħalhom dehret,
Gholiet fuk taħħom li mas-sħab jitbeūūsu;
Ma genbhom xmajjar li jiġġarrfu b'leħen
Ta raghda cbira.
U nies ūiċċ ieħor, u ilsna ġodda instemghu,
Draūūiet u snajja, ichel u 'lbies sura oħra,
Allat u dìnhom, tifchiriet ta ġrajja
Li ħadd ma jafhom.
Imbierca il ħila! 'Mbierca in-nies kalbiena
Li taghraf taħseb u fix-xoghl titchisser!
Nisel ta gieħ, nisel maħtur biex jibka
Dejjem jissemma!
Illum mhux ghuda eħfef mill'ilma tiġri
Fuk ūiċċ il baħar, imma azzar mill'akūa:
U ankas ir-riħ li xejn ma torbot fuku
Imexxi id-dghajjsa;
Bil kaūūa cbira li man-nar inissel
L'ilma jitħarrcu, iduru, iżiġġu, itiru
Mhux dghajjes iżda bliet; u donnhom miexja
Fis-sħiħ, le fl'artab.
Min chellu ighidlu lil min ferak l'eūūel
Fuk zocc imħaffer xiber ilma, liema
Rebħiet tal ghageb chienet sejjra tnissel
Żerghet taghlimu!
Id-dinja saret pajjiż ūieħed, spieda
Il boghd, u l'ilsna cullimchien maghrufa.
Żernak int, jum, li incunu ilcoll kalb ūaħda
U Alla fuk collox.
Dun Carm Psaila.

## Biedja.

MEJJU

*Ix-xahar tal ħsad.*

Dac li jidher u isir fil Biedja:
Jiżhar,—iż-żinzell, il basal, il ghosfor, id-dielja, ir-riġnu, il bajtar tal Indja, il cappar u il pumacannella.
Isajjru,—ix-xghir, iż-żorba, il fażola, il leūż, il cromb, il berkuk, iċ-ċiċċarda, iċ-cirasa, il chemmun, il ħjar, it-tuffiħ t'Adam, il kara tūil, iċ-ċiċri u il cosbor.

Xoghol tal bdieūa:

Fir-raba baghli,
Jinżara—il koton fir-raba tafli.
Jinġama—il chemmun.
Jinħasad—ix-xghir.
Tithejja—il kiegha.
Jindires—ix-xghir.
Fir-raba sakūi u fil ġonna,
Jitgharras—il bringiel, il bżar aħdar,il bżar aħmar, il ħabak u il kara franċiż.
Jingħażku—l'Agrumi.

Proverbji:

1. Fhiex int?, liż-żara ighid Mejju:
Ghax naħsad sejjer imkar cont ghadec plejju.
2. Mejju mirieħ,
Bid-deni ittennieħ. W.

## Ma dûar il Gzira

—Nhar il ħadd li ghadda, flimchien ma *Ghid il Ħamsin*, ħabtet il festa ta San Flippu Neri, imsejjaħ l'*Appostlu ta Ruma*: u l'Arci-Confraternita tieghu, li tinsab imūakkfa, sa minn żmien il Grammastru Lascaris, jigifieri mis-sena 1648,fil Cnisja tal Vitorja—l'actar ūaħda antica fost il Cnejjes collha tal Belt, anzi mibnija kabel li stess Belt—ħarset dic il ġurnata ghażiża chif chien xierak lill Fratellanza li hi mghakkda minn bosta Sacerdoti u Seculari li jafu x'jigifieri il festi tal Cnisja Cattolica. Fil ghodu, fis-sitta u nofs, Tkarbina b'*Fervorin* li ghaxxak u bicca il cull-ħadd: biż-żejjed nghidu li ghamlu Monsinjur Canonicu Dun Anton Vella, ir-Rettur tas-Seminarju. Fid-disgha u qūart, kuddiesa cantata, bil mużica chif iridha tas-seū il Papa u bil Panigircu bit-Taljan, maghmul minn predicatur ieħor famus ghall gherf u il ħila tieghu: Monsinjur Canonicu Dun Ūiġ Farrugia. U, ūara nofs in-nhar, l'eūūel, priedca bil Malti, li biex taghkad seūūa din is-sena ghamilha il Patri Majjistru tal Agustinjani Ūigi Muscat; imbaghd, il Barca Papali, moghtija lil din l'Arci-Confraternita bi grazzja specjali tal Papa ghal cull sena, u il ghasar u il compieta; u, fl'aħħar nett, ūara l'Antifona u l'Innu tal Kaddis, it-*Te-Deum* u il Benedizzjoni tas-Sagrament, bil Fratelli imdaūūrin mal Artal, collha bit-torci f'idejhom u id-decorazzjoni bis-Salib tal Cavalieri fuk sidirhom. Sodizza u devozzjoni, chif nixtieku dejjem fil festi tal Cnejjes taghna. Nifirħu b'kalbna collha lis-Sur Paūl Farrugia, procuratur ta dic il Fratellanza, ghax jidher li mhux ghal-xejn ta cull darba jarġa jigi imgedded f'dic il procura minn fost tant Fratelli rispettabbli u tad-dehen fil ħūejjeġ tal Cnisja.-Ghat-Tkarbina chienu mistiednin it-Tfal ta *San Flippu* tal Isla, li taū pjacir lil cull-ħadd bl'imgiba u il kima taħħom; u kabel il festa saret *Novena*,li fiha ir-Reverendu Dun Carm Żammit, ir-Rettur tal Cnisja Ta-lies, saħħar tas-seū id-devoti ta San Flippu bid-disa' priedchi tieghu.

—Fil festa li semmejna issa, iżżanżnet kuddiesa ġdida li chiteb is-Sur Mast Attilju Pizzuto, bin is-Sur Saver,li hu Professur ieħor tal mużica, imżejjen bħal ibnu bil ħila u bil genju, ghad li bħalu ucoll m'hu xejn imcabbar biħ in-nifsu. Mil bkija, dan chien dejjem minn eūl-id-dinja: min jaf tas-seū, jaf ucoll li ma ghandux jintefaħ. Is-Sur Mast Attilju chiteb din it-tieni kuddiesa scond il fehma tal Papa, mhux ghax strumentaha bil cordi u bil flaūt biss, u inkas ghax tafa ūara spallejħ iż-żarżir tar-ram, u it-tul bla bżonn, u it-tlellix li ma jixrakx fid-Dar t'Alla,imma ghax chitibha tas-seū b'li *stil tal vera mużica sagra*, chif jiccmanda l'Imkaddes Piju Ghaxra: u dan hemm bżonn fuk collox biex il mużica tal Cnisja tcun seūūa *mużica tal Cnisja*. Aħna nittamaū li hu u is-Surmastrijet l'oħra li chitbu bħalu—ghax, f'ħajjet Alla, huma ħafna li fehmu tajjeb il ħsieb imkaddes tal Vigarju ta Gesù Cristu—isibu Procuraturi tad-dehen u tal ghakal li jaghmlulhom il kalb bil cumissjonijet taħħom.

—Mitlubin mil *Cumitat tal Appostulat tat-Talb* biex inħabbru li daūc l'Imsieħbin tal *Unjoni Cattolica San Giusepp* li jokoghdu barra mil Belt, ghall cumdità taħħom, jistghu iħallsu il gimghat ghand il Caxxier li ghandha pajjiżhom il *Caxxa tat-Tifdil* (Cassa di risparmio) tal istess Appostulat: jigifieri, biex niftehmu aħjar, min ma iridx jokghod jigi il-Belt jista iħallas ghand il Caxxier ta pajjiżu u icun ħallas tajjeb xorta ūaħda.

—Il poeżija tal Professur Dun Carm Psaila li takraū fil *Ħabib* ta 'llum fiha x'tixtarru u x'tiżnu. Actarx li xi uħud ighidu f'kalbhom: Din ġdida! Poeżija bla rimi! Mela, ghaliex bil Malti il poeżija ighidulha *takbil*, la m'hix *imkabbla!*—U aħna inūieġbuhom li hi ġdida tas-seū, ghax oħtha ghad trid titūieled! Chemm nixtieku li jiġuna ħafna poeżiji bla rimi bħalha,basta tal kaūūa taħħa! Imma minn ghand il Professur Psaila irridu ħaġ' oħra ghall *Ħabib*: issa irridu it-traduzjoni tal *Innu tal ħaddiema*, li chiteb hu stess bit-Taljan.

—Il lejla, fil 5, jiltaka it-tieni darba il Cumitat General tal *Cungress Eucaristicu* fl'Oratorju ta *San Ġūann*, bi President tieghu Monsinjur Arci-Iskof, biex jaghżel min-nies tieghu stess Cumitat Esecūtiv ta xi 25 ruħ. Nittamaū li fil ħarġa li gejja tal *Ħabib* incunu nistghu natucom l' ismijet tal persuni li jiġu maghżula u li bla dubju xejn icunu mill'aħjar persunaġġi ta Malta. Dan il Cumitat Esecutiv icollu is-setgha u id-dmir li imexxi ix-xoghol collu tal *Cungress*, flimchien mas-Sottu-Cumitati, li huma ħafna: xoghol kalil u tar-rekka. Il Cumitat General, li fiħ fuk mitejn ruħ, fl'eūūel lakgha sama minn fomm l'Arci-Iskof u minn fomm is-Segretarju tieghu, Monsinjur Gaūci, x'sar s'issa u x'ghandu isir m'illum il-kuddiem biex il *Cungress*, bil ghajnuna t'Alla, jirnexxi is-sena li gejja chif jixrak lill *Għira ta San Paūl*.

—Iċ-Cinematografu tal *Unjoni Cattolica San Giusepp* irnexxa ferm: in-nies kieghdin imorru jaraūħ bil ktajja: u mas-Sacerdoti, Kassisin u Patrijet, man-nies tas-snajja u ma folla cbira ta tfal (li hecc ma jixorbux actar minn ghajnejhom il velenu ta certi fattijet coroħ li jidhru sicūit fiċ-Cinematografi l'oħra u li fukhom ghemgmu il gażetti collha) kieghdin imorru ucoll l'aħjar familji tal Belt, irgiel u nisa. Iċ-Cinematografu tal *Unjoni Cattolica* jaħdem it-tlieta, il ħamis, is-sibt u il ħadd, mis-7 ta fil ghaxija il-kuddiem.

—La kieghdin insemmu iċ-Circlu tal *Unjoni Cattolica*, irridu 'nfaħħru ix-xoghol tal *luce elettrica* li sar fiħ minn Joseph Mamo u irridu nirriccmandaū dan ir-ragel lil cull-min jigi bżonn tas-sengha tieghu, ghax jaħdem tas-seū tajjeb,bil ħila u bil cunxenza.

—Xi uħud, għad li ftit ŭisk, baghtu ighidulna li il *Habib* minn dakkiet ma jaslilhomx fil ħin; u tnejn jeŭ tlieta kalulna ucoll li minn xi tliet gimghat il haŭn, ma ŭaslilhom xejn. Fost il cotra ta imsieħbin li ghandna, din ma chientex tcun ħaġa cbira: imm'aħna fittixna ħafna biex naraŭ hemmx tort ta xi ħadd: u l'Amministratur assigurana li it-taksim kieghed isir bir-rekka collha. Drabi, jiġri li in-nies tad-dar tal Imsieħeb jircievu il gażetta u ma iŭasslu hiex f'idejħ jeŭ l'eŭŭel jakraŭha huma u imbaghd jatuhielu. S'issa nafu b' żeŭġ cażijet hecc.

—Il Cumissjunari li chienu geŭ Malta f'novembru li ghadda, mibghutin mir-Re biex jistudjaŭ—chienu kalu—il qŭistjonijet taghna, barra mil *Pulitica*, taŭ ir-*Rapport* taħħom daŭn il ġranet: u ghad li dan ir *Rapport*, sa dan il mument li kieghdin nictbu, ghadu ma ŭasalx haŭn jeŭ ŭasal u ghadu m'hux imniedi, mit-telegrammi li geŭ kuddiemu mill'Inghilterra nafu, bejn ŭieħed u ieħor, x' iridu il Cumissjonari. Iridu ineħħu nofs it-taxxa tal kamħ u f'locha jaghmlu taxxi oħra fuk iz-zoccor, fuk ittabacc u ħŭejjeġ hecc; iridu jaghmlu taxxa fuk il bini u fuk il ŭirt; iridu inakksu l'Imħallfin u in-nies tal Korti; iridu li fil Krati' t'isfel il caŭżi isiru bil Malti; iridu li tonkos in-netka ghat-tisŭijet tat-torok;iridu li ir-regulamenti tal ħabs jimtessu u li tarġa tigi miflja il marda tad-*deni malti*; iridu, fl'aħħar nett, li il Caxxa ta Malta ma tibkax tati ħames t'elef lira fis-sena lill *Caxxa tal Militar* jeŭ ghall'inkas il Militari jibdeŭ iħallsu il chira tad-djar tal Gvern li ghandhom f'idejhom. Din m'hix *Pulitica*, kalu: u la m'hix *Pulitica* nistghu nitchellmu fukha darb'oħra.

—Mitlubin infaccru li ghada, fil Cnisja tal Erŭieħ, jibdeŭ il Qŭarant'uri u jibkghu sejjrin sa nhar il ħadd fil ghaxija. L'aħħar ġurnata, ikaddes cantat Monsinjur Canonicu Dun Paŭl Galea u jaghmel il panigircu bit-Taljan Monsinjur Canonicu Dun Paŭl Gaŭci: u il festa taghlak bil Processjoni Sagramentali, li cull sena icun fiha ghaxka.

—Nerġghu 'nfaccru ucoll li ix-xahar tal Kalb ta Gesù din is-sena sejjer isir fil Cnisja tal Geżŭiti: u billi hemm in-nies isibu cumdità iżjed, is-Sacerdoti incaricati minn din id-devozzjoni ghażiża jittamaŭ li icollhom concors cbir. M'hemmx bżonn nghidu li geŭ magħżulin ghax-xahar collu Predicaturi mill'actar imsemmija. Imbaghd, il festa issir *San Ġŭann* bħal dari.

—Niżżu-ħajr lil dac is-Sinjur li tana ħafna informazzjonijet fuk is-SACERDOT ŬIGI MARCHETTI: imma, kabel ma 'ngibu fil *Habib* dac li chitbilna, nixtieku nitchellmu mieghu. Aħna cull lejla, mill'*Ave-Maria* il-kuddiem, incunu iċ-*Circlu tal Unjoni Cattolica* (PALAZZ CARAFFA) fejn ghandna l'Uffizzju ta din il gażetta.

—Minn ħal Gharghur baghtu ifaħħrulna il Contistabbli Frangisc Borġ, li daħal finnar, b'periclu cbir ta ħajjtu, biex chiecu jeħles il Beneditta Camilleri: u ghad li din l'imsejcna mietet ŭara ftit sieghat, bil ħeġġa u il curaġġ tieghu, laħket is-Sagramenti. Nirriccmandaŭħ lis-Superjuri tal Pulizija, ghax min chitbilna fuku il chelma tieghu tfisser ħafna.

—Iż-żeŭġ articuli, ta *M.D.* (*Biex ŭieħed ikaŭŭi kalbu*) u ta AVUCAT (*Il Giurament*) icollna inchejja fina inħalluhom ghal darb'oħra, chif ucoll ir-*Rumanz*.

—Mita conna diġà bix-xoghol collu lest, il *Herald* bida joħroġ ir-*Rapport* tal Cumissjunari. Mela, chif ghedna, nghidu xi ħaġa fuku darb'oħra.

## Ma daŭr id-dinja.

—Xejn minn ġdid fuk il gŭerra tal Italja mat-Turchija; ghal dakstant jeŭ it-Taljani kieghdin ilestu xi ħaġa cbira, jeŭ sabu xi tfixchil mil Potenzi l'oħra. Nafu biss li il Gvern Torc cheċċa it-Taljani collha mill' artijet tieghu, u ħafna, u ħafna ġà telku.

—Conna ilna ma nisimghu aħbarijet fuk disgrazzi ta areoplani.—Iżda fl'aħħar ħarġa taghna gibna ŭaħda u illum ngharrfu oħra li ġrat l'Inghilterra. Fil ŭakt li is-Sottotenent Ashton chien nieżel fl' art, gira fuk il folla, katel bniedem u fiera gravement tlieta oħra.—Iżda hu ma ġralu xejn.

—Nhar il gimgha, saru il funerali u iddifna tar-Re tad-Danimarca, u fil 21 taxxahar il Princep Giorġ Guljelmu, nipputi tieghu, ghax bin oħtu, fil ŭakt illi imsieħeb mal Ajjutant tieghu Von Grave, chien b'girja cbira sejjer ghall funerali, ŭaka f'foss ta triek li chienet tisseŭŭa, u rasu giet mghaffġa taħt l' aŭtomobbli: sieħbu miet ucoll.

—Il Prince of Wales li kieghed jassisti ghall manuvri tal armata franciza, fit-22 tax-xahar, ŭara li ghamel colazzjon mal Armirall fuk id-*Danton*, li chienet Malta mita zârna is-Sultan taghna, tala mal flotta minn Tulun.

—Fit-18 tax-xahar, f'Newport (Virginja) giet varata id-drednought *Texas*, li hi l'acbar fost chemm haŭn fid-dinja collha. Tŭila 573 pied, u taghmel 21 mîl fissiegħa.

—Sciopru ieħor cbir hemm Londra: din id-darba, tan-nies reffiegha. Nhar il ħadd, fuk mit elf ruħ ghamlu dimostrazzjoni fi Trafalgar Square, fejn chien hemm miġmugħa numru cbir ta pulizjotti. Iżda id-dimostranti giebu rŭieħhom bil qŭiet—biss talbu żieda fil ħlas u taŭ chelma lil xulxin li ħadd ma imur ghax-xoghol jecc it-talba taħħom ma tigix mismugha. L.M.C.G.

## TŬISSIJET FUK IS-SAHHA

(*Jissocta fuk it*-TFAL)

Bħalma ŭeghedcom fil *Habib* tal 25 ta April, illum nibda nghidilcom xi ħaġa fuk it-tfâl.

Min ma jitghaxxakx meta jara tfajjel sabiħ, b'saħħtu, nadif u ferħan! Mhux biss missieru u ommu jitgħaxxku biħ, imma cull min jaraħ. Jatic li tħobbu u tiggustaħ, iżżieghel biħ u tchellmu ghalavolja ma tafx ta min hu!

Fl'istess ħin, chemm igiblec hemm u orrur meta tara ieħor safrani u mitbiel, maħmuġ u marid, jeŭ forsi struppjat!

U dan il ghala? Ghax is-saħħa u l'indafa huma l'eghżeż ħŭejjeġ li jinħtieġu, actar mil ġmiel u mil flus.

Biex nifthiemu aħjar, nitchellmu l'eŭŭel fuk *is-saħħa* u darb'oħra fuk it-taghlim.

Fuk is-saħħa ma narġax intenni dac li diġà ghedt fin-numri ta kabel tal *Habib* ghax dac li jisŭa ghat-trabi, ighodd ucoll ghat-tfal, tant fuk l'ichel, fuk ir-rkad, fuk il lbies, fuk il ħruġ, fuk l'arja, fuk l'indafa tal gisem, fuk li collox ghandu intaghmel bil ħin, ghax il proverbju ighid: *min jicriha ghandu jokghod ghaliha.*

Imma hemm bżonn inżid xi ħaġa.

L'ichel tat-tfal ma ghandux icun ta cull mument: tara xi uħud jomoghdu il ġurnata collha, u li ma chienux jorkdu, jeclu billejl ucoll. Dan m'hux seŭŭa. Li stoncu m'hux xcora, mhux il ŭisk jaghmel tajjeb, inkas ta cull mument—collox irid iż-żmien tieghu u il mistrieħ tieghu—hecc ucoll li stoncu taghna irid ftit sieghat biex isajjar l'ichel u ilestiħ biex jista jaghmel gid fil gisem, u irid il mistrieħ biex ma ighejjex jaghmel ix-xoghol tieghu seŭŭa. Ghal dakshecc l'ichel ghandu jintghata lit-tfal bil kies u bil ħin. Darruhom chif jixrak u intom taraŭ illi ma jitolbux il chisra cull meta jidhrilhom. Il qŭalità tal ichel ghandha tcun magħżula mincom u mhux mit-tfal. Ma ghandhomx jeclu li joghġobhom, imma darruhom jeclu collox ghax ma tafux il kuddiem f'hiex jistghu isibu ruħhom. Chemm tistghu atuhom collox misjur; il laħam nofs sajran, il ħxejjex nejja u il frott m'hux f'ŭaktu jaghmlu id-deni u igibu bosta mard.

U xi nghid, imbaghad, fuk il ħŭejjeġ ħelŭa, fuk iċ-cejciet?

Daŭn huma il genn tat-tfal collha, chemm jistghu isibu u jixtru daks hecc jeclu.—Dan jaghmel gid jeŭ deni? Il ftit jinħtieġ ghat-tfal, imma il ŭisk ma jaghmilx ħlief deni. L'eŭŭel nett iħassar is-snien billi jibka imżelleġ mal ħalk u bejn is-snien, fejn jiffermenta u jikras u hecc iħassar is-snien malajr. Ghaldakshecc naraŭ it-tfal tal bliet u tal ghonja, actarx bi snienhom siŭed u imħassra u ħalkhom jinten, mentri it-tfal tal campanja li jieclu ħobż xott ghandhom l'isbaħ snien. Barra milli iħassar il ħalk, il ħelu bosta, specialment iċ-cejciet bil culur, jaghmel id-deni f'li stoncu u fil gisem collu.

Ix-xorb collu ta li spirti hu toscu ghattfal, u meta jidraŭħ fi ċcunithom ma jistghux jaktghuħ fi cburithom; ghaldakstant l'ilma u il ħalib (aħjar jecc icunu imghollija) ghandhom icunu ix-xorb tat-tfal.

Draŭŭa oħra hi ŭisk ħażina u ghandha tinkata mil bidu: din hi it-tipjip. Dan il vizzju hu ħażin f'cull-ħadd, imma ŭisk iżjed fit-tfal. F'pajjiżi oħra hemm Ligi li ticcundanna it-tfal li ipejjpu u lil min ibieghelhom is-sigarettj, ghaliex jaghmel id-deni fis-saħħa; u meta it-tfal jidraŭ dan il vizzju minn ċcunithom ma jaktghuħx ghomorhom collu.

It-tfâl, bniet u subien, ghandhom bżonn l'arja u l'esercizzju daks chemm ghandhom bżonn l'ichel.—Minn ċcunithom iridu jiċċakalku u jitbaghardu mal art.— Malli jitfarfru, il gost taħħom hu li jiġru, jitħabtu, jilaghbu u ighajjtu. Dan ghandhom bżonn biex jissaħħu.—Mela, ħalluhom jitħabtu, basta ma jistghux icorru: ibaghtuhom jecc ghadhom żghar ghall' arja fix-xaghra, fil ġonna, f'xatt il baħar—atuhom biex jilaghbu, boċċi, ballun, carretti, ċriechi u ħŭejjeġ hecc, basta mhux tûal u bil ponta li bihom jistghu icorru jeŭ ifieru lil sħabhom.—Irħulhom ighajjtu chemm iridu, ghax dan iħaddem is-sider, imma le la tħalluhom jonfħu bit-trumbetti li bihom jisfurzaŭ il pulmuni. Dan il loghob ghall'arja, ghandu icun cull jum, kabel u ŭara nofs inhar (meta icunu li scola, dan il loghob jieħu ħsiebu li Mghallem). Meta fix-xitŭa icun il maltemp bil bard u ix-xita, ghandhom jilaghbu taħt is-sakaf, imma f'loc miftuħ.—Tibżghux li uliedcom jicsħu, ghax l'aħjar ħaġa biex tisħon m'hux in-nar tac-cimnija, imma hu il giri u il loghob. Jecc jiġu imxarrbin id-dar la ticconfondux, neżżghuhom il lbies miblul, ixxuttaŭhom seŭŭa u libbsuhom ħŭejjeġ oħra, specjalment iż-żarbun u il calzetti.

(*Jissocta*) L. MANCHE'.

## Fiex it-taljan ma jakbilx mal-malti.

1. It-taljan ghandu cliem b'żeŭġ taksimiet ŭara dic ta' l-accent, bħal ma huma: *canònico, pòpolo, ùtile*, io *càlcolo*. Il-Malti cliem hecc ma jridux: ghal-hecc inakkas vocali u l-eŭŭel tlieta jagħmilhom *canoncu, poplu, utli*; u ikabbeż l-accent taksima ŭaħda u l-aħħar jagħmilha *niccalcûla*. Fejn inbagħad

la jista' jaghmel ħaġa u inkas l-oħra, fejn dari inakkas vocali, jiġbed magħha consonanti, jeŭ tnejn: minn *luce elèttrica* jagħmillec *luce elêtca*; u fejn dari ikabbeż l-accent, floc taksima ŭaħda ikabbżu tnejn: mil cunjom *Bèrgomi* jagħmillec *Bergomîn*, chif giè li smajt min jghid.

2. It-taljan, fost is-suriet li għandu il-verb, għandu ŭadħa bla persuna u bla numru, u jsejħilha *infinit*. Il-malti ma għandu lebda ŭaħda hecc: ma għandux infinit. Biex ifiehem egħmil il-verb, it-taljan jinkeda bi-infinit: il-malti jinkeda bit-tieni persuna, singular ta' l-aorist (present jeŭ futur): għalhecc bħala tifsir tal verb, ngħidu aħna, *aprire*, aħna natu l-chelma *tiftaħ* (int tiftaħ). Biex jara nbagħad ma liema classi ta' verbi għandu jkiegħed verb, it-taljan jinkeda ŭcoll bl-infinit, u il-malti jinkeda bis-sura l-actar kasira u ċara fil-leħen, li hi *it-tielet persuna, singular, maschil, tal passat.* Għalhecc, għall ħsieb li għedna, jecc it-taljan imur fuk il-chelmiet *crivellare, tessere, partire*, il-malti imur fuk il-chelmiet *għarbel, niseġ, telak* jeŭ *siefer*, suriet li cull ŭaħda minnhom, billi minnha jitnisslu l-oħrajn sħabha, tissejjaħ *l-omma* jeŭ *il-mamma*.

3. It-taljan ikassam in-nomi, l-aggettivi u il verbi tiegħu fuk chif tispiċċa l-chelma; jigifieri fuk id-desinenza, bla ma jħares xejn lejn il-għerk (radice.) Il-malti jkassam lil tiegħu fuk tliet ħŭejjeġ f'dakka, li huma (1) in-numru tal consonanti tal-għerk li jcunu fejn tlieta u fejn erbgħa; (2) in-numru tal-vocali ta bejn daŭc il-consonanti, li jcun fejn ŭaħda u fejn tnejn: u (3) l-accent tal chelma, jcun issa nofs accent maħtuf, issa accent sħiħ imcarcar u issa accent sħiħ maħtuf. It-taljan igħidlec: hemm nomi li jispiċċaŭ bil-vocali *o* bħal *scopo:* aggettivi li jispiċċaŭ bil-vocali *e* bħal *breve:* verbi li jispiċċaŭ b-*are*, oħrajn li jispiċċaŭ b-*ere* u oħrajn li jispiċċaŭ b-*ire*. Il malti jgħallimna chif fost in-nomi, l-aggettivi u il-verbi x'uħud huma ta' tliet consonanti u x'uħud huma ta' erba' consonanti: li fost il-verbi ta' tliet cansonanti hemm daŭc ta' żeŭġ vocali u nofs accent maħtuf, bħal *kàbad, rèsak, xòrob*; hemm oħrajn b'żeŭġ vocali ucoll, imma b' accent imcarcar bħal ma huma *kârar, ħâres, bierec, siefer, ġâgħal*; hemm oħrajn b'vocali ŭaħda u accent sħiħ imcarcar, bħal *sfâr, ħdâr, châl, ħmâr, ksâr, tŭâl, ċchien, ħxien, tjieb, djiek, bjad, sŭied, ŭsiegħ, jbies*: hemm oħrajn b'vocali ŭaħda ucoll, imma b'accent sħiħ maħtuf, bħal: *dàkk, mèdd, sàrr, xàmm, għàdd, ħàtt, ràss*. Igħallimna ucoll li l-verbi ta' erba' consonanti ma jeħdux ħlief l-accent sħiħ maħtuf; ara: *kàrben, kàrtaf, ħaxlef, għàrbel, feżdak*.

(*Jissocta*) G. Vassallo.

## L'Isem imKaddes ta Marija.

Għall kalb chemm hŭa ħelu
Dac ismec, ja Marija!
Cull ghaxka inissel fija
Tant chemm jinsàb maħbub:
Xeŭka ta cbira 'mħabba
F'żoghriti bdiet titrabba
Ghas-sbejjaħ isem tieghec
Li f'fommi spiss idub!

Insejjaħ Lilec jena
F'cull ghodŭa ma 'ż-żerniek,
Fil ŭakt li 'x-xemx it-triek
Tindura, u tcheċċi 'l bart:
B'dac l'isem tant ħanin
Il kalb ta cull mischin
Tiftacar fic, tistaħja,
Tirtafa minn ŭiċċ l'art.

Fis-6 t'april, 1912.

V. Sultana.

## "Id-deni ta Malta."

### (*Maltese fever*)

Fost il ħŭejjeġ li gharrku; il Cummerċ taghna u, giebuna fil ghacs li ninsabu fih, ŭaħda mill' aghar nett hi il Kalgha tad-*deni ta Malta*, li ħarrbet minn haŭn bosta passiġġieri. Mindu l'Ingliżi ŭaħħlu f'rashom li il ħalib tal moghoż taghna igib id-*deni irkik*, il gażetti tal Inghilterra chibsu b'din ix-xniegha: u ghal-xejn it-Tobba franciżi katghu li id-*deni irkik* ma ghandux jissejjaħ *deni ta Malta*, imma *deni tal Mediterran*, ghax bħalma insab haŭn jinsab fil Mediterran collu. L'Ingliżi *Maltese fever* chienu isejjħulu u *Maltese fever* bakghu isejjħulu. Din l'ebusija ta rashom ghamlitilna ħsara cbira: mhux l'Inghilterra biss, imma f'bosta pajjiżi oħra. Daŭn il ġranet, conna kieghdin nitħadtu ma ŭieħed Malti gejj minn Ruma, fejn ighaddi il biċċa il cbira tas-sena u tistghu taħsbu li hemm jaf bosta nies. Dan il ħabib sgurana li, malli Ruma semghu bil *Cungress Eucaristicu* li sejjer isir haŭn, mhux ŭieħed u tnejn kalulu: Dnub, ja ħasra! Conna niġu naraŭ il Malta! Imma hemm id-*deni tal post!*

Min jaf chemm gid tellfuna b'daŭn il *klajja!* U haŭn cull-ħadd jaf li huma *klajja*, ghax Malta, niżżu-ħajr ll' Alla, ghall'indafa, ghas-saħħa, ghall'arja tajjba, ghall ġmiel tal art u tas-sema taħħa, tħabbatha mal aħjar artijet tal Eŭropa chif iddur!

Issa il Cumissjunari tar-Re kalu li il qŭistjoni tal mard tad-*deni malti* ghandha tarġa tigi *miflija aħjar*! Imma ghal fejn?.. Biex ighidu li m'haŭnx jeŭ biex ighidu li haŭn id-*deni irkik tal post*?...

L'acbar trux—ighid il Malti—dac li ma iridx jisma! U il *malafama* bħat-tkik fir-riħ, jecc tilħak ixerrdu ma targax tiġbru.

## L'AĦĦAR ERBGHA.

Alla biss jista jaf chemm gid isir fl'*Erbghat tal Udienza* geŭŭa is-Santŭarju tal Madonna tal Carmnu! F'riġlejn Marija m'hemmx partiti, m'hemmx fokra u sinjuri. Il Belt, bi ħġarha, tmur tferraħ il ghomma u il hena ta kalbha ghand Dic li

*Min irid grazzja u ma jersakx kuddiemha*
*Ix-xeŭka tieghu trid ittir bla ġŭienaħ!*

U il Maltin, f'ħajjet Alla, jifhmuħ dan il ħsieb cbir tal akŭa Poeta li rat id-dinja, ghax Cbarat, Ghorrief, nies ta cull Profes-sjoni, nies ta cull sengha, fkar imċerċra, xjuħ u żghażaħ, nisa u irġiel, cull-ħadd imur iżur il Marija fit-Tempju tal miraculi: u Hi minn fuk it-Tron tal Bażilica taħħa tmedd idha lejn cull-ħadd u il cull-ħadd tfarraġ.

Id-devozzjoni tal Maltin — specialment tan-nies tal Belt—ghall Madonna tal Carmnu ma tiekaf katt is-sena collha: imma fl'Erbghat tal Udienza tħaġġeġ iżjed: u fl'aħħar Erbgha, imbaghd, tfur ghal collox.

Fuk tliet elef ruħ tkarrbnu nhar l'erbgha li ghaddeŭ: u fil kuddiesa tas-siegha fuk erba' mit ruħ,bejn nisa u irġiel,kâdu ghar-riek sa dac il ħin biex jitkarbnu fuk l'Artal tat-Tribuna.Daŭc il bniet liebsin l'abjad u sajjmin sa fuk nofs in-nhar ghad-devozzjoni tal Madonna tal Carmnu,chienu donnhom Anġli! Icun imbierec Alla! Tcun imbierca l'Imkaddsa Marija!

Fil ghaxija, imbaghd, is-Santŭarju chien maħnuk bin-nies minn ħin il priedca: u mita ŭaslet il *Flos Carmeli*, li cull-ħadd itir bil ferħ ghaliha, ma cont tista tidħol mill'ebda bieb, anzi in-nies chienu mifruxin sa nofs it-triek minn cull imchien.

Ir-Reverendi Carmelitani jafu li ir-Regina tal Carmelu ilha isaltan fi klub il Maltin sa mill'ibghad żmenijet: u, bi ħrara cbira, b'żelu li jaghmlilhom onur, jaħdmu is-sena collha biex il Poplu isib fit-Tempju taħħom il cumdità li jixtiek ghall krar, ghall kuddies u ghal cull xorta ta devozzjoni oħra. U il Poplu jafulhom, ghax hemm jersak cull ħadd minn cull rocna tal Belt: u f'riġlejn Marija insiru ilcoll aħŭa, ilcoll ulied Omm ŭaħda.

Xtakna ma 'nsemmux ismijet, ghax il Patrijet collha tal Carmnu, b'kalb ŭaħda u bi ħsieb ŭieħed, jaħdmu annuna ghall glorja ta Marija u ghall gid tal erŭieħ,imma il Provincjal,li ghamel dac il ġmiel ta *Fervorin* kabel il Kuddiesa tas-siegha,u il Pirjol il ġdid, li jaħdem bid-dehen, bit-tieba u bil ħleŭŭa, u is-Sagristan Maggjur Patri Tanti, li, ħabriechi u tal-ghakal, ma jafx x'in huma kaghad u ghejja, jaħtieġ natuhom *prosit* barrani, ghax jixirkilhom. Icun imbierec Alla! Tcun imbierca l'Imkaddsa Marija!

Devot.

## Mistoksija.

Chitbulna:

Sur Direttur,

Nixtiek ħafna li il Ŭisk-Reverendu Dun Ġŭann Gaŭci, D.D., M.A., Cerimonier tal Iskof, ma jinsiniex ghal-collox. Dac it-tifsir tieghu fuk il mistoksijet li chienu sarulu, ghoġob lil cull-ħadd: u bir-raġun collu, ghax is-Sur Dun Ġŭann, barra milli hu is-Sur Mast taċ-Cerimoni, jigifieri f'dac it-tifsir hu li Mghallem maghruf mil Cnisja Maltija, cull-ħadd jaf ucoll li hu gharef u ħabriechi fid-Dar t'Alla, ghad li żaghżuħ ħafna u minghajr ebda ħjel ta cburija fuku. Nixtiek, Sur Direttur—u tista tibka sgur li jixtiekuħ bosta karrejja tal *Habib*— li is-Sur Dun Ġŭann, jecc mhux cull gimgha, jictbilna xi ħaġa cull ħmistax il ġurnata, dakka fuk dac it-tifsir u dakka fuk xi ħaġ' oħra.

Nibda, mela, biex illum naghmillu mistoksija jen. Nixtiek naf ghax il Cnisja 'Mkaddsa taghmel il festi tal Kaddisin fil ġurnata tal meŭt u mhux tat-tŭielid taħħom?..

U frattant, bil kima collha lejħ u lejc, nitolboc tghoddni

is-serv tieghec u tieghu

GIUS. BORĠ.

Mil Lucerna tal Hajja.—9. Billi il pjaciri, it-tifħir u il flus jintemmu, ghalhecc ma jistghux iserrħu kalb il bniedem.

Nitolbu ghar-ruħ ghażiża tas-Sur SALV BORĠ, missier ir-Reverendu Sacerdot Dun Giuseppi, Vici-Parrocu ta Bormla, li miet fil 20 ta dan ix-xahar, ŭara marda kasira. Chellu 71 sena u chien ragel tajjeb.

N. N.

## MOGHDIJA TAŻ-ŻMIEN

### XARADA.

Fic l'*eŭŭel*, fic it-*tielet*,
it-*tieni* tghammar fiha:
u *collox* lima taħdem
actarx li tghid ghaliha.

G. A.

L'aħħar Chelma makluba chienet:

*Geraħ-Hareġ*

Giebuha tnejn biss, ghad li ma chienetx tkila: is-Sur G. Attard, mil Belt—u is-Sur A. Borġ, mil Hamrun.

Il gimgha id-dieħla nghidu min ħa il premju fost daŭc li fissru tajjeb il loghob fl'eŭŭel erba' xhur, scond il pattijet taghna.